MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta ta' l-4 ta' Dicembru, 2014

Citazzjoni Numru. 53/2010

A B

vs

C S D (B)

u b'digriet tal-14 ta' Jannar 2013 l-Avukat Dr Mark Mifsud Cutajar u il-PL Gerald Bonello gew nominati bhala kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-assenti C S D (B)

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentatipprezentat mill-attur, li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

1. Illi l-partjiet ikkuntrattaw iz-zwieg bejniethom f'Malta fis-16 ta' Dicembru 1997 u dan kif jidher mic-Certifikat taz-Zwieg hawn anness u mmarkat Dok. A ;
2. Illi miz-zwieg taghhom il-konjugi B kellhom zewgt itfal u cioe' L, li twieled fil-11 ta' Settembru 1998, u Mathias, li twieled fit-28 ta' Gunju 2000 u dan kif jidher mic-Certifikati tat-Twelid hawn annessi u mmarkati rispettivament Dok B u Dok C ;
3. Illi waqt iz-zwieg il-kontendenti akkwistaw flimkien u in solidum bejniethom b'kuntratt tal-31 ta' Ottubru 2002 fl-atti tan-Nutar Bartolomeo Micallef il-fond fejn marru jirrisjedu, ossia flat Nru 1, 8, Triq il-Bronja, Mellieha, u il-garage, kif imsemmijin u deskritti fl-istess kuntratt, ghall-prezz globali ta' hamsa u ghoxrin elf Liri Maltin (LM25,000), u cioe' tmienja u hamsin elf u mitejn u erbgha u tletin Euro u erbgha u tletin centezmi (€58,234.34), u dan kif jidher mill-kuntratt ta' bejgh hawn anness u mmarkat Dok D ;
4. Illi bl-istess kuntratt hawn fuq imsemmi l-kontendenti accettaw flimkien u in solidum bejniethom is-somma ta' erbghin elf Liri Maltin (LM40,000) jew tlieta u disghin elf, mija, erbgha u sebghin Euro u erbgha u disghin centezmu (€93,174.94) moghti bhala loan minn HSBC Bank Malta p.l.c. ;
5. Illi illum iz-zwieg bejn il-partijiet tkisser irremedjabilment unikament tort ta' l-intimata, fost ragunijiet ohra minhabba li hija abbandunat id-dar konjugali f'Settembru tas-sena elfejn u erbgha (2004) minghajr raguni valida, u dan meta waqt li l-kontedenti u t-tfal taghhom kienu vacanza fid-Danimarka l-attrici fuq qadja telqet bit-tfal u ma reghatx tfaccat aktar ;
6. Illi, wara l-prezentata mill-intimata tac-citazzjoni fit-tletin (30) ta' Novembru tas-sena elfejn u erbgha (2004), l-imsemmija intimata ottjeniet separazzjoni legali minn ma A B u dan b'sentenza tal-Qorti ta' Elsinore, id-Danimarka, tal-hmistax (15) ta' April elfejn u hamsa (2005), minghajr l-imsemmija Qorti ippronunzjat il-htija ta' xi parti li waslet ghas-separazzjoni ;
7. Illi sussegwentament l-attrici ottjeniet divorzju permezz ta' digriet mill-istess Qorti tal-ghoxrin (20) ta' Gunju elfejn u sitta (2006), u

dan kif jidher mid-Dokument anness u mmarkat Dok. E, liema Divorzju gie registrat hawn Malta (vide Certifikat taz-Zwieg, Dok. A) ;

8. Illi din il-Qorti, fil-kawza quddiem l-Imhallef Geoffrey Valenzia, rikors numru 131/2004 – bl-ismijiet ‘l-Avukat Dr Lorraine Schembri Orland bhala mandatarja specjali tal-assenti A B pro et noe vs Dr Patrick Valentino u PL Veronica Rossignaud kuraturi deputati nominati biex jirraprezentaw l-assenti C mart A B’ – fit-12 ta’ Jannar 2005 harget digriet numru 28/05 dwar il-kustodja tat-tfal, fejn il-Qorti ikkonkludiet li l-minuri effettivament gew sekwestrati minn ommhom u ordnat li l-minuri L u Matthias jigu fdati fil-kura u kustodja ta’ missierhom ;

9. Illi matul iz-zmien il-kontendenti kienu qed jipprovaw jilhqu arrangament bejniethom dwar l-access tar-rikorrenti ghat-tfal f’Malta u recentament il-kontendenti kienu qeghdin jippruvaw jilhqu arrangament bejniethom ukoll dwar ix-xoljiment u likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti ;

10. Illi r-rikorrenti ottjena l-awtorizzazzjoni minn dina il-Qorti fil-25 ta’ Jannar 2010 sabiex jistitwixxi din il-kawza, kif jidher minn kopja tad-digriet relattiv hawn anness u mmarkat Dok F ;

Talab li l-konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex previa id-dikjarazzjonijiet necessarji u wara li jinghataw il-provvedimenti opportuni, in vista ta’ l-oggett tal-kawza u tar-ragunijiet fuq imsemmija :

1. Tiddikjara u tippronunzja, jekk hemm bzonn, is-separazzjoni personali bejn ir-rikorrenti u l-intimat;
2. Tiddikjara li l-intimata tahti ghas-separazzjoni personali u ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi tistabilixxi d-data minn meta l-istess konvenuta ghandha tkun kunsidrata hatja tal-firda;
3. Ixxolji l-komunjoni ta’ akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti;
4. Tillikwida l-istess komunjoni ta’ l-akkwisti skont il-ligi u taqsamha f’zewg porzjonijiet komposti kif jigi ordnat u stabbilit minn dina l-Qorti in vista, inter alia, tad-data ta’ l-akkwist ta’ immobli u oggetti formanti l-istess komunjoni u tad-data stabbilita minn dina il-Qorti bhala d-data minn meta l-intimata ghandha tkun ikkunsidrata hatja tal-firda, b’tali mod illi jekk ikun il-kaz l-intimata titlef kull jedd li

ghandha ghal nofs l-akkwisti illi waqt iz-zwieg ikunu saru l-aktar bil-hila tar-rikorrenti;

5. Tassenja dawn iz-zewg porzjonijiet wahda lir-rikorrenti u l-ohra lill-intimata okkorrendo bin-nomina ta' perit biex jaghmel l-imsemmija likwidazzjoni u jipproponi pjan ta' qasma u nomina ta' nutar biex jippubblika l-atti opportuni u nomina ta' kuraturi biex jirraprezentaw lill-eventwali kontumaci fuq l-istess att;
6. Tapplika kontra l-intimata, interament jew in parti, d-dispozizzjonijiet ta' l-artikolu 48, 51 u 52 tal-Kodici Civili;
7. Tordna illi r-rikorrenti ikollu d-dritt eskussiv illi jirrisjedi fid-dar konjugali maghrufa bhala flat Nru 1, 8, Triq il-Bronja, Mellieha;
8. Tordna illi l-kustodja tat-tfal minuri tigi fdata lir-rikorrenti u/jew taghti dawk il-provedimenti dwar il-kustodja u l-access tal-imsemmijin tfal minuri illi dina il-Qorti jidhrilha xierqa u opportuni u mehtiega fl-ahjar interess tat-tfal;

Bl-ispejjez, kontra l-intimata illi hija ngunta minn issa biex tidher ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat ir-risposta guramentata ta' Dr Patrick Valentino bhala mandatarju specjali tal-konvenuta C (B) D, li permezz taghha eccepixxa :

1. Illi fl-ewwel lok u illum stess l-esponenti, qieghed ghan-nom ta' l-assenti u ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-ligi jaghti ruhu b'notifikat bl-atti tal-kawza;
2. Illi ukoll in linea preliminari, jigi rilevat ir-rikorrenti konvenjentement nesa li jsemmi illi kien hemm proceduri fil-Qorti ta' Elisnore fid-Danimarka (Dok B) fejn kien inghata gudizzju datat ghaxra (10) ta' Jannar elfejn u sitta (2006) li kien nnewtralizza l-proceduri fil-Qrati nostrali, ossija dawk Cit. Nru 131/04, fejn il-Qorti msemmija kienet fdat il-kura u l-kustodja tal-minuri L u M esklussivament lill-esponenti u dana segwenti ghal seduta fejn kien deher ir-rikorrenti debitament assistit;

3. Illi ma hemmx bzonn li tigi pronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti, stante illi gia hemm divorzju bejn il-partijiet li hu registrat lokalment (Certifikat anness Dok A);
4. Illi l-esponenti taqbel illi l-komunjoni tigi xolta u jekk dan ma huwiex komodament divizibbli, il-mobbli / immobbli jinbieghu taht l-awtorita tal-Qorti u r-rikavat jinqasam bejn il-partijiet;
5. Illi ma jissussistux ir-ragunijiet sabiex jigi applikat id-dispost ta Art 48 et seq tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta u dana kif ser jigi pprovat ampjament fil-kawza, stante illi z-zwieg tkisser minhabba vjolenza prattikata fuq l-esponenti;
6. Illi l-esponent ma taqbilx illi l-kura u l-kustodja tigi fdata esklussivament lir-rikorrenti u dana minhabba l-gudikat hawn fuq imsemmi, u aktar u aktar fl-interess suprem tal-minuri peress li presenzjalment r-rikorrenti qata kull kuntatt kontinwu li kellu ma l-ulied minuri sa mill-elfejn u erbgha (2004) u di piu, t-tfal minuri, issa mill-elfejn u erbgha (2004) 'l hawn stabbilew rwiehom fid-Danimarka;
7. Illi l-esponenti ma ghandhiex tbati spejjez ta' dana il-gudizzju stante illi fi trattattivi sabiex din il-kontensjoni tigi risolta minghajr il-bzonn tal-proceduri odjerni, kien ir-rikorrenti stess li ippretenda li ghandu jhallas biss hamest elef Euro (€ 5000) ghas-saldu ta' sehem l-esponenti ghal dak kollu mizmum in komun;

Rat il-lista tax-xhieda ta' Dr. Patrick Valentino nomine ;

Rat il-kontro-talba ta' Dr Patrick Valentino bhala mandatarju spejcali tal-konvenuta C (B) D, li permezz taghha ippremetta :

1. Illi l-esponenti qed tipprezenta din l-istanza in forza ta' l-awtorizzazzjoni ottjenuta mir-rikorrenti;
2. Illi l-kontendenti kienu kkuntrattaw iz-zwieg ta' bejniethom fis-sittax (16) ta' Dicembru elf disgha mija u sebgha u disghin (1997) u ottjenew divorzju permezz ta' Digriet tal-Qorti ta' Helsingor datat ghoxrin ta' Gunju elfejn u sitta (2006), liema divorzju kien registrat f'Malta fil-hmistax (15) ta' Jannar elfejn u tmienja (2008) (Certifikat anness mar-risposta guramentata);
3. Illi minn dan iz-zwieg, twieldu zewgt itfal, L ta' hdax (11) il-sena u M ta' disgha (9) snin;

4. Illi tul il-perjodu taz-zwieg taghhom il-kontendenti kienu akkwistaw fond, ossija flat numru tmienja (8) Triq il-Bronja Mellieha u garage li ghadu fi stat ta' komunjoni bejn il-kontendenti;
5. Illi tul iz-zwieg taghhom, il-kontendenti kienu arredaw il-fond fuq imsemmi b'bosta effetti mobbli li ghadhom fi stat ta komunjoni bejn il-kontendenti;
6. Illi tul iz-zwieg taghhom il-kontendenti kienu ukoll akkwistaw xi vetturi li ghadhom fi stat ta' komunjoni bejniethom;
7. Illi tul iz-zwieg l-esponenti kienet wirtet circa erbat elef Euro (€4,000) li intuzaw fil-fond matrimonjali;
8. Illi tul iz-zwieg l-esponenti kienet ottjeniet self minghand il-genituri taghha sabiex jigi arredat u rrangat il-fond matrimonjali ta' cirka ghoxrin elf Euro (€20,000), liema self ossija sehem ir-rikorrenti rikonvenzjonat ghadu ma thallasx lura;
9. Illi minn Settembru elfejn u erbgha (2004) sal-gurnata tallum, ir-rikorrenti rikonvenzjonat qatt ma hallas l-ebda manteniment ghall-htigijiet ta' uliedu minuri;

Talbet ghalhekk li l-attur jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex previa kull dikjarazzjoni opportuna u necessarja fl-ahjar interess ta' l-amministrazzjoni tal-gustizzja :

1. Tiddikjara l-fond ossija flat numru tmienja (8) Triq il-Bronja Mellieha u l-garage ghadu fi stat ta' komunjoni bejn il-kontendenti, u ma huwiex komodament divisibbli;
2. Tiddikjara illi l-oggetti mobbli ghadhom fi stat ta' komunjoni u ma humiex komodament divisibbli;
3. Tiddikjara illi l-ammont ta' erbat elef Euro (€4,000) derivanti minn wirt, hija proprjeta' parafernali ta' l-esponenti;
4. Tiddijkara illi l-ammont ta' cirka ghaxart elef Euro (€10,000) hija dovuta mir-rikorrenti rikonvenzjonat rapprezentanti sehemu mis-self ottjenut mill-genituri ta' l-esponenti;
5. Tordna l-bejgh ta' l-oggetti mobbli u immobbli formanti parti mill-proprjeta inkomun tal-kontendenti kif dikjarat fit-talbiet precedenti u jekk ikun il-bzonn taht l-awtorita ta' din il-Qorti u sussegwentement ir-rikavat jigi diviz;
6. Tordna jekk ikun il-kaz illi l-ammont msemmija fit-tielet (3) u r-raba (4) talba jitnaqqsu minn sehem ir-rikorrenti rikonvenzjonat mir-rikavat tal-bejgh;

7. Tiffissa manteniment dovut mir-rikorrenti rikonvenzjonat ghall-htigijiet tal-minuri L u M u dana b'effett minn Settembru elfejn u erbgha (2004);
8. Tordna jekk ikun il-kaz li l-manteniment hekk iffissat minn Settembru elfejn u erbgha (2004) sal-gurnata tal-gudizzju finali jigi mnaqqas minn sehem ir-rikorrenti rikonvenzjonat mir-rikavat tal-bejgh tal-proprjeta mizmuma in komun;

Bl-ispejjez tal-prezenti kontra l-intimat illi huwa minn issa ingunt ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda ta' Dr. Patrick Valentino nomine ;

Rat ir-risposta tal-attur ghall-kontro-talba tal-konvenuta, li permezz tghha eccepixxa :

Illi l-konvenuta rikonvenzjonanti konvenjentement insiet issemmi li kienet hija li abbandunat id-dar matrimonjali fit-30 ta' Settembru 2004 u dan minghajr ebda raguni valida quddiem il-ligi u li hija ghandha issa terfa' l-konsegwenzi li dan il-fatt igib mieghu;

Illi l-esponenti jaqbel li l-komunjoni tal-akkwisti tigi xolta u kull parti tiehu s-sehem li hija haqqha skont u bl-applikazzjoni tal-ligi Maltija fosthom bl-applikazzjoni, interament jew in parti, tal-artikoli 48, 51 u 52 tal-Kodici Civili;

Illi l-esponenti ghandu jkollu d-dritt esklussiv illi jirrisjedi fid-dar konjugali maghrufa bhala Cottonfields, Flats 1, Triq il-Bronja, Mellieha bil-garaxx ghaliex kienet il-konvenuta rikonvenzjonanti li abbandunat id-dar matrimonjali u l-esponenti baqa' jhallas d-dejn wahdu fuq it-tali fond u jaghmel spejjez ohra biex izomm il-fond fi stat tajjeb ta' manutenzjoni;

Illi tul iz-zwieg taghhom il-kontendenti ma akkwistaw ebda vettura u l-unika vettura li kienet tintuza waqt iz-zwieg kienet il-proprjeta parafernali tal-esponenti;

Illi tigi michuda kategorikament l-allegazzjoni illi waqt iz-zwieg l-konvenuta kienet wirtet cirka erbat elef ewro (€4,000) li intuzaw fil-fond matrimonjali;

Illi tigi michuda kategorikament l-allegazzjoni illi waqt iz-zwieg il-kontendenti ottjenew self minghand il-genituri tal-konvenuta rikonvenzjonanti ta’ cirka ghoxrin elf ewro (€20,000) sabiex jigi arredat u irrangat il-fond matrimonjali;

Illi l-konvenuta rikonvenzjonanti konvenjentement insiet issemmi wkoll illi hija kienet isselfet minghand oht l-esponenti Angela B is-somma ta’ ghaxart elef sitt mija u tlieta u sittin ewro u sebgha u tmenin centezmu (€10,636.87) li hija baqghet qatt ma hallset lura u li ghaldaqstant kellhom jithallsu mill-esponenti stess;

Illi l-esponenti qatt ma gie mitlub ihallas somma specifika ghall-manteniment tat-tfal imma madanakollu l-esponenti anki jekk kontinwament, ghal snin shah, gie u ghadu presenzjalment qieghed jigi imcahhad mill-konvenuta rikonvenjonanti l-access ghal uliedu, anki semplicement b’mod telefoniku, l-esponenti kull xahar jiddepozita flus f’bank f’account f’isem it-tfal;

Illi l-esponenti m’ghandux ibati l-ispejjez ta’ dan il-gudizzju stante li hija l-konvenuta rikonvenzjonanti li tahti ghat-tkissir taz-zwieg fosthom ghar-raguni li abbandunat id-dar matrimonjali minghajr ebda raguni valida fil-ligi u din il-Qorti ghandha tistabilixxi d-data minn meta l-istess konvenuta ghandha tkun kunsidrata hatja tal-firda;

Bl-ispejjez u bl-imghax kontra l-konvenuta rikonvenzjonanti li hija minn issa ingunta ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tal-attur rikonvenzjonat ;

Semghet lix-xhieda illi tressqu ;

Rat id-dokumenti li gew esebiti; il-provi li gew prodotti u l-atti ta' dan il-procediment ;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet ;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi l-qorti ghandha quddiemha kawza ta' separazzjoni personali bejn il-partijiet b'dan li l-intimata tikkontendi li l-kwistjoni principali hija d-divizjoni tal-komunjoni tal-akkwisti *stante* li bejn il-partijiet diga' kien hemm pronunzja ta' divorzju. Min-naha taghha l-intimata tintavola wkoll kontro-talba b'talbiet specifici dwar assi li hija tallega li huma parafernali taghha kif ukoll ghal flus li huma dovuti mir-rikorrent lejn il-genituri taghha. Min-naha tieghu, r-rikorrent rikonvenzjonat  jichad dawn it-talbiet bl-aktar mod assolut.

**VERZJONI RIKORRENTI**

Permezz tal-affidavit tieghu[1] r-rikorrent jibda billi jsemmi d-data taz-zwieg taghhom u li frott ta' tali zwieg twieldu zewgt ulied. Jirrakkonta li f'Settembru 2004 waqt li kienu fuq btala gewwa d-Danimarka l-intimata harget bit-tfal u ma regghetx giet lura. Wara skopra li kienet marret

[1] Esebit a fol 40 tal-process

f'*home* u ghalih din kienet sorpriza kbira ghaliex jikkontendi li qatt ma kellhom problemi serji bejniethom. Jispjega b'mod dettaljat x'gara kwantu ghal uliedhom b'dan li jispjega li fit-12 ta' Jannar 2005 il-qorti ta' Malta ordnat li l-kura u l-kustodja tal-minuri ghandha tigi fdata f'idejn l-istess rikorrent u ghalhekk ha passi sabiex it-tfal jigu ritornati f'Malta. Jispjega dwar it-tentattivi li saru biex jintlahaq ftehim u x'riedet l-intimata u jghid ukoll li nhar is-7 ta' Settembru 2005 informa lill-avukat tieghu f'Malta li kien ser jaccetta li l-ulied jghixu mal-intimata gewwa d-Danimarka basta jkollu access ghal uliedu u li jarhom fil-vakanzi tal-Milied. Ghalkemm l-intimata accettat, riedet numru ta' garanziji biex tidher fuq kuntratt ta' ftehim. Imbaghad, wara d-decizjoni tal-Qorti tad-Danimarka tat-12 ta' Jannar 2006, l-intimata ma baqghetx tirrispondi t-telefon u meta rrispondietu qaltlu li t-tfal ma riedux ikellmuh aktar.

Sussegwentement kien hemm tentattiv iehor ghal ftehim bejn il-partijiet, izda r-rikorrent l-ewwel ried li jkun accertat li ser jibda jkollu access ghal uliedu qabel ma jiftiehem fuq kwistjonijiet ta' proprjeta' u ghalhekk il-ftehim baqa' qatt ma ntlahaq. F'Settembru 2006 waqfet il-komunikazzjoni bejn il-partijiet *stante* li l-*email address* tal-intimata inbidel filwaqt li l-posta li beda jibghat ir-rikorrent bdiet tigi lura. Jirrakkonta kif kien hemm episodju fejn il-partijiet ftehmu fuq access li sehh fid-Danimarka fejn l-ulied hadu hafna gost jaraw lil missierhom pero' l-intimata, sussegwentement regghet ghamlitha difficli mmens biex ikun hemm komunikazzjoni bejn ir-rikorrent u wliedu tant li la riedet taghtih indirizz, la riditu jikkomunika dirett mal-istess ulied u kull darba li talabha l-informazzjoni necessarja, kienet taqta' fil-qasir. Jaghlaq billi jghid li ghalkemm mhux qed ihallas manteniment ghal ulied fid-Danimarka, qed jiddeposita xi flus f'kont bankarju ghalihom.

**VERZJONI INTIMATA**

Permezz tal-affidavit taghha[2] l-intimata tirrakkonta kif il-partijiet iltaqghu, izzewgu u kellhom l-ulied b'dan li tiddiskrivi li z-zwieg taghhom ghall-ewwel kien wiehed normali izda hekk kif ir-rikorrent kellu incident fuq il-post tax-xoghol, l-affarijiet bejniethom bdew jinbidlu peress li r-rikorrent sar vjolenti maghha u beda jkun suspettuz. Tilef ukoll l-interess f'uliedu u tghid li sabet hafna ghajnuna mill-familjari tieghu. Tirrakkonta diversi episodji koroh b'dan li fl-ahhar iddecidiet li kien wasal iz-zmien li jitilqu lil xulxin. Wara parir li hadet minn avukat Daniz, marret f'*sheltered home* b'dan li l-genituri taghha inghataw struzzjonijiet biex ma jghidux lir-rikorrent fejn kienet jew fejn kienu t-tfal ghalkemm inghataw struzzjonijiet sabiex jghidu lill-Pulizija fejn kienet l-istess intimata. Dan kollox sar fuq parir tal-avukat Daniz.

Tghid li minn Settembru 2004 sal-lum, ir-rikorrent qatt ma hallas xi forma ta' manteniment ghal uliedu, b'dan li kienet l-istess intimata li hadet hsieb l-istess ulied permezz tal-ghajnuna socjali Daniza. Tikkontendi li manteniment fl-ammont ta' €500 fix-xahar huwa wiehed ekwu u gust u tishaq li ghandha tithallas tal-arretrati ghall-istess manteniment.

Dwar l-assi parafernali l-intimata tikkontendi li wirtet l-ammont ta' €700 minghand il-buznanna taghha (ghalkemm in kontro-ezami tghid li dan l-ammont kien fil-fatt wirt ta' missierha li minnhom taha dan l-imsemmi ammont[3]), inghatat is-somma ta' €4000 minghand il-genituri taghha biex jintuzaw ghad-dar, ircevew is-somma ta' €1500 bhala rigal tat-tieg minghand il-genituri taghha li ntuzaw ghall-ghamara fid-dar u li tixtieq li tihodhom lura u tikkontendi wkoll li kien hemm self fl-ammont ta' €8700 mill-genituri taghha, liema ammont ukoll intuza ghad-dar taghhom. In kontro-ezami tghid li hija hallset l-ammont kollu lura filwaqt li r-rikorrent ma hallas xejn[4]. Tghid li ser turi permezz ta' dokumentazzjoni li tali hlas verament sar.

[2] Esebit a fol 566 tal-process u 583 tal-process

[3] Ara a fol 605 tal-process

[4] Ara a fol 606 tal-process

Dwar l-assi tal-komunjoni tal-akkwisti, ssemmi d-dar flimkien mal-garaxx gewwa l-Mellieha b'dan li in kontro-ezami tikkonferma li minn mindu telqet lejn id-Danimarka ma hallset ebda pagament[5]. Tikkontendi li l-mobbli ta' go fiha ghandhom valur approssimattiv ta' €20,000. Tghid ukoll li fiz-zwieg hallsu d-dejn li kien jinkombi fuq il-vettura (li ma ssemmix id-dettalji taghha) pero' tikkontendi li ghandha tiehu nofs il-valur tal-istess vettura u tikkontendi wkoll li ghandha tiehu l-affarijiet personali taghha flimkien ma' dawk tat-tfal flimkien mar-ritratti tal-istess tfal.

In kontro-ezami permezz tal-procedura tal-*skype*[6], l-intimata tghid li l-incident li kellu zewgha kien jinvolvi problemi relatati mal-mixi, ma' ghonqu kif ukoll problemi relatati mal-memorja tieghu. Tikkonferma li qatt ma rraportat lill-Pulizija dwar l-allegata vjolenza da parti tar-rikorrent izda tghid li kienet iccempel lill-familjari ghall-ghajnuna meta kien isir agressiv.

## IL-PROVI MIGBURA QUDDIEM DIN IL-QORTI

Da parti tieghu r-rikorrent jipprezenta l-affidavit ta' Saviour B[7] (li jigi hu l-istess rikorrent) fejn jispjega l-involviment tieghu relatati mal-problemi li kellu huh rigward l-ulied, l-access u l-allegazzjonijiet ta' vjolenza li ghamlet fuq huh l-intimata, b'dan li jikkontendi li r-rikorrent m'huwiex ragel vjolenti. Imbaghad, fix-xiehda tieghu datata l-4 ta' Mejju 2011[8] jghid li ghamel xi xoghol ghall-partijiet fid-dar matrimonjali, liema xogholijiet jinkludu t-torba, garr, materjal imtella' bil-*high up*, xoghol ta' hadid, *railings* ta' zewg gallarijiet, xoghol ta' katusi u dranagg, madum

[5] Ara a fol 606 tal-process

[6] Ara s-seduta quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Anna Mallia datata t-13 ta' Jannar 2014 a fol 605 tal-process

[7] Esebit a fol 46 tal-process

[8] Ara a fol 106 tal-process

tal-kcina, l-*bathroom ensuite* kif ukoll xoghol ta’ zebgha tal-faccata u l-bitha. Jghid li r-rikorrent hallas ghal sehemu minn dawn ix-xogholijiet u li ghandu ricevuti pero’ mhux tax-xoghol. Jesebixxi Dok. AB 1- AB4[9] li huma tliet *cash sales* tal-materjal uzat li flimkien jammontaw ghal €1937.33. Permezz tax-xiehda tieghu, Joseph B[10] jghid li l-kumpannija Hydrophase Co. Limited hija kumpanija tieghu u li flimkien mar-rikorrent saret is-sistema tad-dawl fil-proprjeta’ tal-partijiet. Dwar tali xoghol jipprezenta ricevuta mmarkata bhala Dok. AB5[11] fl-ammont ta’ €1014.80.

Teresa B[12] issemmi kwistjonijiet relatati mal-ulied b’dan li tghid li qatt ma taf li l-intimata semmiet xi kwistjonijiet ta’ vjolenza li setghet giet kommessa fuqha da parti tar-rikorrent. Jigi prezentat ukoll l-affidavit ta’ Angela B[13] (it-tewmija tar-rikorrent) fejn wara li tiddiskrivi illi huwa ragel tal-familja u tikkorrabora episodji relatati mal-ulied, l-access u kwistjonijiet ta’ sekwestru tal-istess ulied li jsemmi r-rikorrent, tikkonferma wkoll li taf personalment li huwa jiddeposita xi flus f’bank ghall-ulied. Tghid li huha jaghmel hekk biex jekk xi darba l-ulied jigu Malta, jkunu jafu li qatt ma nesihom. Tichad li r-rikorrent qatt kien vjolenti mal-intimata u zzid tghid li kienet selfet l-ammont ta’ €10,665.81 lill-intimata li qatt ma hallset, imma li hallas ir-rikorrent hekk kif sar jaf bihom.

Audrey Ghigo in rapprezentanza tal-HSBC Bank Malta Plc[14], tiddikjara li f’isem ir-rikorrent sabet erba` kontijiet (ghalkemm tnejn minnhom jghajtu lill-ulied) filwaqt fis-seduta ta’ wara tiddikjara li l-intimata ghandha kont

[9] Ara a fol 110 – 113 tal-process

[10] Ara s-seduta quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Fransina Abela datata l-4 ta’ Mejju 2011 a fol 107 tal-process

[11] Ara a fol 114

[12] Ara l-affidavit taghha esebit a fol 48 tal-process

[13] Esebit a fol 81 tal-process

[14] Ara x-xhieda taghha datata s-7 ta’ Lulju 2011 a fol 116 tal-process

wiehed f'isimha b'dan li hemm zewg kontijiet kongunti bejn il-partijiet. Ir-rapprezentant tal-Bank of Valletta Plc, Romauld Attard[15] jghid li r-rikorrent ghandu erba' kontijiet miftuhin. Fis-seduta sussegwenti, l-istess xhud Romauld Attard[16] jghid li l-partijiet ghandhom zewg kontijiet kongunti.

Ir-rikorrent jipprezenta wkoll *Brief Psychological Report* redatt minn Pierre Cachia Cpsychol datat it-18 ta' Ottubru 2010 u li permezz tieghu jikkonferma li r-rikorrent huwa wiehed mill-aktar genituri *committed* li qatt hadem maghhom il-psikologu, b'dan li ghalkemm kien hemm diffikultajiet kbar relatati mal-access, l-istess rikorrent wasal ghall-konkluzjoni li ma seta' qatt jghix bil-hsieb li qata' qalbu minn uliedu jew milli jkollu relazzjoni maghhom.

Da parti taghha, l-intimata tipprezenta affidavit ta' Inga D[17], fejn prattikament tikkonferma l-kontenut tal-affidavit tar-ragel taghha[18], X D[19] (oht l-intimata) fejn tirrakkonta t-tip ta' relazzjoni li kellhom il-partijiet. Jigi rilevat pero' li *stante* li l-kwistjoni ta' separazzjoni u r-responsabbilita' ghat-tifrik taz-zwieg huma kwistjonijiet li diga' gew survolati, tali affidavit ftit li xejn ghandu relevanza ghall-kwistjonijiet li l-qorti trid tiddeciedi fuqhom. Huwa l-affidavit ta' missier l-intimata li jsemmi kwistjonijiet ta' natura finanzjarja li jista' jitfa' ftit tad-dawl fuq il-kwistjonijiet li dwarhom il-qorti trid tiddeciedi. Referenza ghall-istess affidavit ser issir aktar 'il quddiem.

## DWAR IT-TALBA GHAS-SEPARAZZJONI PERSONALI

[15] Ibid

[16] Ara x-xhieda tieghu datata l-24 ta' Novembru 2011 esebita a fol 309 tal-process

[17] Ara a fol 559 u 579 tal-process

[18] Ara a fol 564 u 580 tal-process

[19] Ara a fol 560 u 577 tal-process

Dwar l-ewwel talba tar-rikorrent, l-qorti taghmel referenza ghat-tielet eccezzjoni mressqa mill-intimata rikonvenzjonanta fejn tikkontendi li m'hemmx bzonn ghal tali talba *stante* li l-partijiet huma diga' divorzjati. F'dan is-sens, l-intimata tipprezenta certifikat taz-zwieg[20] li huwa prova ta' dan *stante* li permezz ta' notament fil-genb, hemm dikjarat li z-zwieg bejn il-partijiet inhall permezz ta' digriet datat l-20 ta' Gunju 2006[21]. Tali annotazzjoni saret nhar il-15 ta' Jannar 2008 u cioe' sentejn qabel ma giet intavolata l-kawza odjerna.

In vista ta' tali certifikat kif ukoll abbazi tal-argument migjub mir-rikorrent stess hekk kif elenkat fin-nota ta' osservazzjonijiet tieghu,[22] jidher car li anke l-istess rikorrent m'huwiex qieghed jinsisti fuq l-ewwel talba u dan *stante* li jikkonferma li bejn il-partijiet, apparti d-divorzju kien hemm ukoll digriet ta' separazzjoni datat il-15 ta' April 2005. Fid-dawl ta' dan l-istess rikorrent izid jghid li hija l-kwistjoni tal-proprjeta' komuni bejn il-partijiet li ma gietx indirizzata. Tenut kont tad-digriet ta' separazzjoni kif ukoll tad-divorzju li gie debitament registrat hawn Malta, l-qorti qed tastjeni mill tiehu konjizzjoni tal-ewwel talba ghal separazzjoni *stante* li din diga' giet deciza minn qorti ohra. Irid jinghad ukoll li *stante* li fil-mument li giet intavolata l-kawza odjerna, l-partijiet mhux biss kienu diga' sseparati imma wkoll divorzjati, il-qorti ma tistax tidhol fil-kwistjoni tar-responsabbilita' ghall-istess separazzjoni li diga' giet affetwata. Permezz tan-nota ta' osservazzjonijiet tieghu, r-rikorrent jaghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet A vs Kuraturi (2368/1997/1 JA) deciza fit-13 ta' Jannar 2006, izda l-qorti ma tistax tapplika l-istess ragunament ghall-kawza odjerna *stante* li f'dik prezenti, l-partijiet m'humiex biss divorzjati (kif jirrizulta li kien il-kaz fil-kawza hawn imsemmija) izda l-istess partijiet fil-kawza odjerna huma diga' separati. Kif allura tista' din il-qorti tistabbilixxi data ghal finijiet ta' talba ta' separazzjoni meta kien hemm diga' pronunzja ta' separazzjoni fil-15 ta' April 2005. Jidher li l-

[20] Ara a fol 60 tal-process

[21] Ara kopja tad-digriet esebit a fol 10 tal-process

[22] Ara a fol 617A tal-process, Volum 2

partijiet isseparaw legalment fil-15 ta' April 2005 u divorzjaw fl-20 ta' Gunju 2006, b'dan li l-istess divorzju gie registrat f'Jannar 2008. Dawn huma dati li l-partijiet jaqblu dwarhom. Il-kawza odjerna giet intavolata fi Frar 2010 u cioe' hames snin wara li l-partijiet kienu diga' sseparaw legalment. Ghalhekk, fid-dawl ta' dan kollu l-qorti ma tara ebda raguni ghaliex ghandha terga' tidhol fi kwistjoni ta' separazzjoni li diga' saret fis-sena 2005 b'mod legali. *Se mai* ghal finijiet ta' xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti, ghandha tkun id-data tal-istess separazzjoni u cioe' l-15 ta' April 2005 li tkun id-data indikattiva ghal kwistjonijiet ta' pagamenti u xoghol li seta' sar u li ghandu impatt fuq l-assi jew id-djun tal-istess komunjoni tal-akkwisti, pero' jigi precizat li tali data ser tigi applikata biss ghall-finijiet ta' divizjoni tal-komunjoni tal-akkwisti u mhux biex jigi deciz dwar min kien jahti ghall-istess separazzjoni li l-qorti ma kellhiex l-opportunita' li tippronunzja ruhha dwarha peress li kienet diga' saret.

**DWAR IT-TALBA GHAX-XOLJIMENT TAL-KOMUNJONI TAL-AKKWISTI**

Illi kif diga' inghad aktar il fuq, minkejja li l-partijiet huma diga' separati u divorzjati, jirrizulta li l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejniethom baqghet qatt ma giet xolta.

Min-naha tieghu r-rikorrent jghid li minn mindu l-intimata abbandunat id-dar matrimonjali f'Settembru 2004, baqa' jhallas il-pagamenti mensili fuq id-dar matrimonjali kif ukoll li baqa' jwettaq xi xogholijiet fiha. Dwar id-dejn fuq l-istess dar, ir-rikorrent jipprezenta kuntratt fl-Atti tan-Nutar Dr. Bartolomeo Micallef datat il-31 ta' Ottubru 2002[23] li permezz tieghu jirrizulta li l-istess partijiet hadu self minghand l-HSBC Bank Malta Plc fl-ammont ta' Lm40,000 u dan ghall-akkwist u xogholijiet relatati mal-appartament bin-numru wiehed (1) fl-ewwel sular, formanti parti minn blokk ta' appartamenti bla numru u bla isem b'entratura fi Triq il-Bronja

[23] Ara a fol 15 tal-process

fil-Mellieha, kif ukoll garaxx formanti parti mill-istess binja. Il-partijiet jaqblu[24] li l-valur tal-istess dar matrimonjali u cioe' Cottonfields, Flat 1, 8, Triq il-Bronja, Mellieha huwa dak ta' mija u sittin elf Euro (€160,000).

Mid-dokumentazzjoni li giet prezentata u esebita in atti, jirrizulta li d-dejn mal-bank illum jammonta ghal €71,208. 42. Ir-rikorrent jikkontendi li hallas wahdu s-somma ta' €63,830.21 izda kif diga' intqal aktar 'il fuq, *stante* li l-partijiet isseparaw legalment nhar il-15 ta' April 2005, il-qorti ser tiehu tali data bhala *cut off date,* b'dan li kwalunkwe pagament li sar wara tali data minn xi parti jew ohra ghandha titqies bhala pagament li sar b'mod individwali. Ghalhekk, kwalunkwe pagament li sar mir-rikorrent **wara l-15 ta' April 2005** ghandu jitqies li sar minnu biss b'dan li l-intimata ghandha tirrifondi kwantu ghal nofs l-istess ammont imhallas minnu. Minn Dok. GA3[25] il-bilanc fid-data msemmija kien dak ta' Lm39,101.93 (€91,082.99), b'dan li l-ahhar ammont indikat fl-istess dokument (li jmur lura ghal Gunju 2011 u konsegwentement il-qorti m'ghandhiex ghad-disposizzjoni taghha il-bilanc attwali fid-data ta' din is-sentenza), kien dak ta' €79,575.30. Jidher ghalhekk li mill-anqas, ir-rikorrent hallas b'mod esklussiv (u dan *ex-admissis* mill-intimata stess) l-ammont ta' mhux anqas minn €11,507.69. ghalhekk, sehem l-intimata jammonta ghal €5753.84.

Apparti minn hekk, ir-rikorrent jikkontendi li saru wkoll xi xogholijiet fl-istess dar li swew €5969. Jikkontendi li kien hu biss li hallas ghal tali xogholijiet. Dwar l-istess xogholijiet ir-rikorrent, *tramite* x-xiehda ta' Joseph B u Saviour B, jipprezenta ricevuti dwar l-istess xogholijiet u materjal li permezz taghhom jaghmel prova biss fl-ammont ta' €2952.13 u mhux fl-ammont li jsemmi l-istess rikorrent.

Ir-rikorrent qieghed jitlob li jigi awtorizzat jibqa' jghix fid-dar matrimonjali u dan ghaliex l-istess dar hija komodament divizibbli (kuntrarjament

[24] Ara l-verbal tal-4 ta' Marzu 2014

[25] Esebit a fol 396 tal-process

ghal dak li ssostni l-intimata), apparti l-fatt li skont hu ghandhom jigu applikati l-Artikoli 48, 51 u 52 tal-Kodici Civili fil-konfront tal-intimata. Il-Qorti terga' taghmel referenza ghal dak citat aktar 'il fuq u cioe' li m'hijiex ser tidhol fil-kwistjoni tas-separazzjoni (*stante* li din ilha li giet milqugha sa' mis-sena 2005) u konsegwentement ma tistax tidhol fil-kwistjoni ta' min kien responsabbli ghall-istess tifrik taz-zwieg ghaliex huwa inkoncepibbli li tinghata raguni ghal separazzjoni jew ahjar tort lil xi wiehed jew wahda mill-partijiet meta l-istess separazzjoni hija diga' deciza. Dak li tista' taghmel il-qorti huwa li tuza d-data tal-istess separazzjoni bhala data gwida ghad-divizjoni tal-assi bejniethom. Dan ifisser li l-qorti m'hijiex ser tidhol fi kwistjonijiet dwar jekk ghandhomx jigu applikati l-Artikoli 48 *et seq* jew le fil-konfront tal-istess intimata. Naturalment, l-istess argument japplika ghall-kwistjonijiet ta' vjolenza li ssemmi l-intimata, li dejjem skont it-tezi taghha, wasslu ghall-firda ta' bejniethom.

Dwar il-mobbli li jinsabu fl-istess dar matrimonjali (li dejjem qed titqies anke fil-kuntest tal-garaxx) ir-rikorrent jikkontendi li m'hemm xejn ta' valur intrinsiku.

Jikkontendi li l-vettura tieghu m'hijiex formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti peress li din hija proprjeta' parafernali tieghu ghax inxtrat qabel iz-zwieg. Jghid ukoll li hallas l-ammont ta' €10,665.81 lil ohtu ghal dejn li ghamlet l-intimata ad insaputa tieghu ma' ohtu Angela B. Dwar tali dejn, jidher li l-intimata taqbel, *stante* li permezz tan-nota ta' osservazzjonijiet taghha tikkontendi li tali ammont ghandu jithallas lura lir-rikorrent[26]. Min-naha taghha, l-intimata tippretendi hlas fl-ammont ta' €14,000 pero' ghalkemm obbligat ruhha in kontro-ezami li ser tipprezenta dokumentazzjoni in sostenn ta' tali talba, l-istess intimata naqset milli taghmel dan u konsegwentement l-unika prova li tezisti fuq l-ammont pretiz minnha hija d-dikjarazzjoni taghha stess fl-affidavit[27]. Tikkontendi wkoll li ghandha kreditu parafernali derivanti mill-wirt tal-buznanna

[26] Ara a fol 634 tal-process

[27] Ara a fol 569 tal-process

taghha fl-ammont ta' €700[28] filwaqt li l-genituri taghha tawha l-ammont ta' €4000 sabiex tintuza ghad-dar matrimonjali. Bhala rigal tat-tieg, il-partijiet inghataw l-ammont ta' €1500 minghand il-genituri taghha li intuzaw ghall-ghamara tad-dar ukoll[29]. Missier l-intimata jghid ukoll li hu u martu sellfu lill-partijiet is-somma ta' €8700 sabiex jintuzaw ghad-dar, b'dan li jikkontendi li bintu hallset sehemha mill-istess self filwaqt li r-rikorrent ma hallas xejn[30]. Jigi rilevat li apparti d-dikjarazzjoni taghha u ta' missierha, l-intimata ma tipprezenta ebda prova dokumentarja u ghalhekk il-qorti m'hijiex sodisfatta minn tali pretensjoni.

## DWAR IT-TALBA TAL-KURA U L-KUSTODJA TAL-MINURI U ACCESS GHALL-INTIMAT

Il-qorti tirrileva li t-talba ta' kura u kustodja ghandha tigi determinata u deciza skond il-principju tal-ahjar interessi tal-minuri. Ghal finijiet ta' kjarezza jrid jinghada li llum il-gurnata l-wild L (li twieled nhar il-11 ta' Settembru 1998)[31] ghandu sittax (16) –il sena filwaqt li t-tifel Mathias (li twieled nhar it-28 ta' Gunju 2008)[32] ghandu erbatax (14) –il sena. L-istess ulied jidher li jghixu gewwa d-Danimarka b'dan li r-rikorrent accetta din ir-realta' tant li permezz tan-nota guramentata tieghu qieghed jelenka l-access li jixtieq. Huwa minnu li r-rikorrent jikkontendi li l-intimata kienet harbet u ssekwestrat lill-ulied u li kien gie fdat bil-kura u l-kustodja tal-istess minuri, kif wara kollox gie konkluz fil-proceduri fl-ismijiet **L-Avv. Dottor Lorraine Schembri Orland noe vs Dr. Patrick Valentino et noe** (Rikors Numru 131/2004/ GV)[33] izda huwa minnu wkoll li sussegwentement ghal tali decizjoni, l-intimata giet fdata bil-kura

[28] U dan kif jikkonfermah ukoll missier l-intimata Henrik Holm permezz tal-affidavit tieghu esebit a fol 563 tal-process

[29] Ibid

[30] Ara a fol 564 u 580 tal-process

[31] Ara c-certifikat tat-twelid tieghu esebit a fol 7 tal-process

[32] Ara c-certifikat tat-twelid tieghu esebit a fol 8 tal-process

[33] Ara l-kopja legali tal-atti kollha tal-process imsemmi esebiti permezz ta' nota a fol 454 tal-process

u l-kustodja tal-istess minuri minn qorti gewwa d-Danimarka[34]. L-intimata tishaq li r-rikorrent kien partecipi f'dawn il-proceduri tant li kien ukoll legalment assistit. Min-naha l-ohra, r-rikorrent jghid li dan l-istess access ma jigix ezercitat minhabba li l-intimata naqset milli tikkopera biex isir arrangement dwar kif ghandu jsehh l-istess access, anke in vista tal-fatt li l-intimata riedet numru ta' garanziji biex taccerta ruhha li l-ulied ma jibqghux hawn Malta. Jghid li prezentement la ghandu informazzjoni dwar fejn jghixu wliedu u lanqas kuntatt telefoniku ma jsir. Jixtieq li jkollu access f'Malta ghal uliedu bil-mod segwenti: kull sena fis-Sajf ghal nofs il-vakanzi tas-Sajf, gimgha shiha kull sena fl-Ghid, b'mod alternat fil-vakanzi tal-Milied u access fid-Danimarka f'okkazjonijiet meta l-ulied ma jkollhomx skola bi ftehim mal-istess intimata. Permezz tan-nota guramentata tieghu, jikkontendi li hemm qbil fuq dan l-access imsemmi kif ukoll dwar il-fatt li l-ebda wiehed jew wahda mill-partijiet m'ghandha thallas manteniment lil xulxin. Fic-cirkustanzi l-qorti, ghalkemm tikkontendi li kwistjonijiet ta' natura ta' kura u kustodja qatt ma jistghu jigu *res judicata,* jidher li l-ulied huma setiljati fid-Danimarka b'dan li jekk ikun hemm bdil fil-kura u l-kustodja, allura l-istess ulied jistghu isofru pregudizzju kbir *stante* li huma ilhom jghixu f'dan il-pajjiz ghal numru ta' snin u zgur li ghandhom hajjithom hemm. Ghalhekk mhux fl-ahjar interessi tal-istess ulied li r-rikorrent jigi fdat bil-kura u l-kustodja tal-istess ulied. Min-naha l-ohra, huwa fl-ahjar interessi tal-istess minuri li jkun hemm access ma' missierhom u ghalhekk l-intimata qed tigi ordnata taghti access telefoniku darba kull jum lil missier mal-ulied b'dan li l-access hekk kif elenkat mill-istess rikorrent fin-nota guramentata tieghu ghandu jkun l-access akkordat lilu. L-ispejjez ghall-ivjaggjar tal-ulied lejn Malta ghandhom ikunu a spejjez tar-rikorrent. Kwantu ghall-access gewwa d-Danimarka, l-qorti thoss li mhux opportun jkun hemm ftehim bejn il-partijiet u ghalhekk qed takkorda access b'mod alternat fi zmien il-Milied b'dan li minn din is-sena jkun ir-rikorrent li jkollu access ghall-minuri f'Malta fil-vakanzi tal-Milied u l-Ewwel tas-Sena. Kwantu ghall-vakanzi li jista' jkollhom l-ulied, l-intimata qed tigi ordnata taghti kull informazzjoni relatata mal-istess vakanzi lir-rikorrent bi pre-avviz ta' mill-anqas xaharejn b'dan li f'tali vakanzi, l-access ikun gewwa d-Danimarka.

[34] Ara Dok. B esebit a fol 531 tal-process

Dwar il-kwistjoni ta' manteniment, ir-rikorrent jghid li minkejja li ma jarax lil uliedu u m'ghandux access ghalihom, xorta wahda baqa' jaghmel pagamenti f'kont bankarji f'isem l-istess ulied. L-intimata tghid li qatt ma hallas manteniment ghall-istess ulied b'dan li l-pagamenti li jsemmi l-istess rikorrent dejjem kienu taht il-kontroll assolut tieghu. Permezz tan-nota guramentata tieghu[35], jghid li lest li jhallas l-ammont ta' €75 bhala manteniment ghal kull wild kull xahar bil-quddiem, liema manteniment ma jkunx rivedibbli. *In oltre* lest li jhallas ukoll ghall-ispejjez relatati mal-visti ta' wliedu hawn Malta u ghall-ispejjez kollha taghhom waqt li huma jkunu hawn Malta filwaqt li jikkontendi li l-intimata ghandha thallas ghall-ispejjez l-ohra kollha relatati mat-tfal meta jkunu maghha. Mid-dokumentazzjoni li giet esebita in atti jirrizulta li r-rikorrent ghandu introjtu ta' madwar €2,200 fix-xahar[36]

**DWAR IT-TALBA GHALL-MANTENIMENT TAL-ULIED**

Il-qorti tirrileva li jirrizulta bl-aktar mod car li r-responsabbilita' finanzjarja kollha relatata mal-minuri waqghet fuq l-intimata. F'dan il-kuntest il-qorti taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Portelli Jennifer pro et noe vs. Portelli John**[37]u **Tabone Lea pro et noe vs Tabone Jesmond**[38]fejn saret referenza ghal:

Artikolu 3 tal-Kap 16 li jipprovdi li :-

[35] Ara a fol 35 tal-process

[36] Ara l-FS3s esebiti ghas-snin 2010 sa' 2013 a fol 162 – 165 tal-process

[37]Deciza nhar il-25 ta' Gunju 2003 mill- Prim'Awla tal-Qorti Civili (Rik Gur 2668/1996)

[38] Deciza nhar it-2 ta' Ottubru 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Rik Ġur Nru 1396/2001)

“***Il-partijiet fiz-zwieg ghandhom l-obbligu, kull wahda minnhom skond il-mezzi u l-hila taghhom, li jahdmu kemm fid-dar kif ukoll barra mid-dar kif jinhtiegu l-interessi tal-familja, li jmantnu lil xulxin u jikkontribwixxu ghall-htigijiet tal-familja***"

ghal artikolu 3B tal-Kap 16 li jistipula illi:

"***Iz-zwieg jimponi fuq il-mizzewgin l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, jghallmu u jedukaw lil ulied li jigu miz-zwieg skond il-hila, xehtiet naturali u aspirazzjonijiet ta' l-ulied***."

u ghal artikolu 7 (1) ta' l-istess Kap 16 jinghad li:-

"***Il-genituri ghandhom l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, jghallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3 B ta' dan il-Kodici."***

Ghalhekk abbazi tal-premess, jirrizulta mid-dispozizzjonijiet tal-ligi, li l-genituri ghandhom l-istess obbligi verso l-ulied taghhom, u ghalhekk it-tnejn li huma ghandhom jikkontribwixxu ghat-trobbija ta' l-istess, aktar u aktar meta llum il-mizzewgin huma f'pozizzjoni ta' ugwaljanza u ghandhom l-istess drittijiet u allura, anke skond l-artikolu 2 tal-Kap 16 "***jerfghu r-responsabilitajiet indaqs matul iz-zwieg taghhom***."

Certament li l-obbligi mnizzla miz-zwieg, isofru mutament fil-kors ta' separazzjoni bejn il-partijiet, anke fil-kazijiet ta' pendente lite, pero' l-obbligu taz-zewg genituri lejn l-ulied jibqa' bazikament l-istess dettat kull wiehed skond il-mezzi tieghu, ikkalkulati skond id-dispozizzjonijiet ta' l-artikolu 20 ta' l-istess Kap, u l-bzonnijiet ta' l-istess minuri, u fl-interess ta' l-istess minuri.

Illi huwa ovvju li kif ghandha tkun tali kontribuzzjoni minn kull wiehed mill-genituri, tvarja minn kaz ghal kaz, u hafna jiddependi fuq il-mezzi

rispettivi u l-bzonnijiet ta' l-istess minuri, pero' xorta jibqghu veljanti u skjetti l-principji li jirregolaw l-istess dmirijiet u obbligazzjonijiet tal-genituri verso l-istess ulied, specjalment ghall-manteniment ta' l-istess fit-termini preskritti fl-artikolu 19 (1) u (2) u l-artikolu 20 tal-Kap 16, li ghalhekk jinkludu kontribuzzjoni ghall-ikel, ilbies, sahha u abitazzjoni u spejjez mehtiega ghall-istess sahha u ghall-edukazzjoni taghhom u skond il-bilanc bejn il-bzonn u l-mezzi, kkalkulati ai termini tas-sub-artikoli ta' l-istess artikolu 20. Illi dan apparti l-obbligi tal-kontendenti li jmantnu lil xulxin skond id-dettami tal-ligi, u skond il-kalkoli hemm indikati.

Il-qorti tirrileva wkoll li l-obbligu ghall-manteniment tal-ulied m'huwiex marbut bl-ebda mod mal-impjieg jew mal-introjtu tal-genituri izda huwa obbligu assolut.

F’dan l-istadju l-qorti taghmel referenza ghall-fatt li sal-gurnata odjerna qatt ma kien hemm talba ghal ordni ta’ hlas ta’ manteniment. Min-naha tieghu, ir-rikorrent jammetti li ma jhallas ebda forma ta’ manteniment. Jigi rilevat ukoll li n-norma ghal dak li jirrigwarda manteniment hija dik ta’ madwar €200 fix-xahar oltre nofs l-ispejjez relatati mas-sahha u l-edukazzjoni tal-istess wild. Tenut kont tal-fatt li r-rikorrent ghandu introjtu ta’ madwar €2,200 fix-xahar u li l-istess rikorrent ilu ma jhallas manteniment u ma jhallas xejn ghal dak li jirrigwarda l-ispejjez relatati mas-sahha u l-edukazzjoni tal-minuri, il-qorti thoss li l-manteniment li ghandu jigi mhallas mir-rikorrenti versu l-minuri ghandu jkun dak ta’ €250 ghal kull wild (ghalhekk b’mod kumplessiv fl-ammont ta’ €500) fix-xahar, li jkun jinkludi s-sehem tieghu mill-ispejjez relatati mas-sahha u l-edukazzjoni tal-istess wild. Tali manteniment jibqa’ jithallas *di fermo* sakemm kull wiehed mill-minuri jkollu tmintax –il sena. Jekk l-istess minuri sussegwentement li jsiru maggorenni jkunu qed jistudjaw fuq bazi *full-time*, allura tali manteniment ghandu jibqa’ jithallas mir-rikorrent sakemm l-istess minuri jieqfu jistudjaw fuq bazi *full-time* jew jilhqu l-eta’ ta’ tlieta u ghoxrin (23) sena, skond liema eventwalita’ ssehh l-ewwel. Fuq ammissjoni da parti tal-istess rikorrent fejn jikkontendi li qatt ma hallas manteniment fid-Danimarka u dan minn Settembru 2004, il-qorti thoss li l-istess rikorrent ghandu jaghmel tajjeb ghal tali nuqqas billi

jhallas manteniment adegwat u li jkopri ftit mill-arretrati li huma mitluba mill-intimata. Ghal dan l-iskop, il-qorti qieghda tillikwida arretrati ta' manteniment fl-ammont ta' €30,000, liema manteniment ikopri l-ahhar hames snin bir-rata ta' €500 fix-xahar. Irid jinghad li tali ammont qed jigi likwidat abbazi ta' ekwita' *stante* li min-naha hemm ammissjoni da parti tar-rikorrent li qatt ma hallas manteniment (ghalkemm jghid li jgemma xi flus ghall-istess ulied), u min-naha l-ohra l-istess ammont ma jirriflettix il-perjodu mitlub kollu *stante* li l-istess intimata naqset milli taghmel talba *ad hoc* ghal ordni ta' hlas ta' manteniment.

**DWAR L-APPLIKAZZJONI TAL-ARTIKOLI 48 KONTRA L-INTIMATA**

Il-qorti, kif diga' kellha l-opportunita' li tiddikjara aktar 'il fuq, *stante* li l-partijiet kienu diga' separati u divorzjati u tali decizjoni hija wahda *res judicata,* ma tistax tidhol fil-kwistjoni tar-responsabbilita' ghall-istess separazzjoni meta din hija diga' deciza. Konsegwentement, il-qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' din it-talba.

**DECIDE**

Ghalhekk, ghal dawn il-motivi, din il-qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:

[1] Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel talba tar-rikorrent;

[2] Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni talba tar-rikorrent;

[3] Tilqa' t-tielet talba tar-rikorrent;

[4] Tilqa' r-raba' u l-hames talba tar-rikorrent bil-mod segwenti:

**Porzjoni A li ser tigi assenjata lir-rikorrent A B**

i. Il-kontijiet bankarji intestati f'ismu inkluz il-kontijiet li huma abbinati mal-ulied;

ii. L-ammont ta' €10,665.81 rapprezentanti self da parti ta' Angele B lill-intimata li thallas mir-rikorrent. Tali ammont irid jithallas mill-intimata fi zmien xahar mid-data li din is-sentenza tkun *res judicata* jew inkella minn sehem l-istess intimata mir-rikavat mad-dar matrimonjali u l-garaxx gewwa l-Mellieha;

iii. L-ammont ta' €5753.84 rapprezentanti f'nofs il-hlas relattiv ghall-facilita' mal-HSBC Bank (Malta) Plc ghall-perjodu bejn April 2005 u Gunju 2011. Tali ammont irid jithallas mill-intimata fi zmien xahar mid-data li din is-sentenza tkun *res judicata* jew inkella minn sehem l-istess intimata mir-rikavat mad-dar matrimonjali u l-garaxx gewwa l-Mellieha;

iii. Kwalunkwe ammont iehor rapprezentanti fi hlas li seta' sar bejn Gunju 2011 sal-gurnata odjerna jew li ghad irid isir dejjem b'mod esklussiv da parti tar-rikorrent. Tali ammont irid jithallas mill-intimata fi zmien xahar mid-data li din is-sentenza tkun *res judicata* jew inkella minn sehem l-istess intimata mir-rikavat mad-dar matrimonjali u l-garaxx gewwa l-Mellieha;

iv. L-ammont ta' €1476.06 rapprezentanti nofs l-ispejjez tax-xogholijiet li saru da parti ta' Joseph B u Saviour B. Tali ammont irid jithallas mill-intimata fi zmien xahar mid-data li din is-sentenza tkun *res judicata* jew inkella minn sehem l-istess intimata mir-rikavat mad-dar matrimonjali u l-garaxx gewwa l-Mellieha;

**Porzjoni B li ser tigi assenjata lill-intimata C S D (B)**

i. il-kontijiet bankarji u investimenti kollha intestati f'isem l-intimata ghandhom jitqiesu li huma proprjeta' esklussiva taghha;

ii. L-ammont ta' €30,000 rapprezentanti f'arretrati ta' manteniment ghall-ulied. Tali ammont irid jithallas mir-rikorrent fi zmien xahar mid-data li din is-sentenza tkun *res judicata* jew inkella minn sehem l-istess rikorrent mir-rikavat mad-dar matrimonjali u l-garaxx gewwa l-Mellieha;

**Porzjoni C li jridu jinqasmu b'mod ugwali bejn il-partijiet**:

i. id-dar matrimonjali gewwa l-Mellieha flimkien mal-garaxx. Dawn ghandhom jinbieghu fis-suq miftuh ghall-prezz minimu ta' €160,000 b'dan li mir-rikavat tal-istess bejgh, l-ewwel ghandu jithallas id-dejn mal-bank flimkien ma' kwalunkwe spejjez u taxxi li jistghu ikunu dovuti. Il-mobbli li jinsabu fl-istess dar ad eccezzjoni tal-effett personali tal-partijiet ghandhom jinbieghu ukoll b'dan li r-rikavat jinqasam b'mod ugwali bejn il-partijiet;

ii. il-kontijiet bankarji u investimenti kollha li huma kongunti (ad eccezzjoni tal-kont bankarju li huwa abbinat mal-facilita' abbinata mad-dar u l-garaxx) ghandhom jinghalqu b'dan li r-rikavat jinqasam b'mod ugwali bejn il-partijiet;

[5] Tichad is-sitt talba tar-rikorrent;

[6] Tilqa’ s-seba’ talba tar-rikorrent limitament sakemm isir il-bejgh tal-istess dar msemmija;

[7] Tichad it-tmien talba tar-rikorrent relatata mal-kura u l-kustodja tal-minuri b’dan li l-access favur ir-rikorrent ghandu jkun hekk kif indikat taħt il-paragrafu intitolat ‘Dwar it-Talba tal-Kura u l-Kustodja tal-Minuri u Access ghall-Intimat’;

[8] Tilqa’ l-ewwel talba rikonvenzjonali tal-intimata limitatament li tiddikjara li l-appartament numru tmienja (8) fi Triq il-Bronja Mellieha flimkien mal-garaxx huma proprjeta’ komuni bejn il-partijiet izda tastjeni milli tiddikjara jekk tali proprjetajiet humiex komodament divizibbli;

[9] Tilqa’ t-tieni talba rikonvenzjonali tal-intimata limitatament li tiddikjara li l-mobbli huma proprjeta’ komuni bejn il-partijiet izda tastjeni milli tiddikjara jekk tali humiex komodament divizibbli;

[10] Tichad it-tielet u r-raba’ talbiet rikonvenzjonali tal-intimata *stante* li dawn ma gewx sodisfacentement ippruvati;

[11] Tilqa’ l-hames talba rikonvenzjonali tal-intimata u dan anke abbazi tar-raba’ u l-hames talbiet tar-rikorrenti kif decizi aktar ‘il fuq;

[12] Tichad is-sitt talba rikonvenzjonali tal-intimata;

[13] Tiffissa manteniment ghall-minuri kwantu ghal €250 kull wiehed pagabbli hekk kif deskritt taħt il-paragrafu intitolat ‘Dwar it-Talba Ghall-Manteniment tal-Ulied’ b’dan li r-rikorrent ghandu jhallas is-somma ta’ €30,000 rapprezentanti arretrati ta’ manteniment hekk kif imsemmi f’Porzjoni B li gie assenjat lill-intimata.

[14] Tilqa’ t-tmien talba rikonvenzjonali tal-intimata.

Bl-ispejjez jinqasmu b’mod ugwali bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------